MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 697/2005

**Raymond Auto Dealer Ltd.**

**Vs**

**Paul Manicolo**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Marzu 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn tnejn u disghin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm292.29), bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti l-prezz ta' karozza mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut u sa' llum mhux imhallsa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 597/2005 u bl-imghax legali, kollox kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn tnejn u disghin Liri Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm292.29), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Numru 597/2005 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------